**L-ugwaljanza bejn is-sessi u l-Parlament**

Pajjiżna ma jistax jibqa' jaħrab mill-problema tan-nuqqas qawwi ta' nisa fil-politika. Huwa għalhekk li nqis il-mekkaniżmu korrettiv, li ser jiżgura bilanċ bejn is-sessi fil-Parlament, pass importanti u deċiżiv sabiex nindirizzaw din il-problema li ilha magħna għal wisq żmien; żmien li tulu ftit li xejn rajna progress. Ma niskantax meta nara l-Malta ripetutament tieħu punteġġ baxx fi klassifiċi bħal *Global Gender Gap Report* u l-*Gender Equality Index*, minkejja l-fatt li f'ħafna sferi, bħal dik tax-xogħol, għamilna passi kbar 'il quddiem. Dan għaliex fl-isfera tal-parteċipazzjoni politika bqajna wieħed mill-pajjiżi bl-akbar inugwaljanza bejn is-sessi.

Il-mekkaniżmu korrettiv li qed jiġi diskuss bħalissa jiskatta biss jekk sess minnhom ma jilħaqx l-40 fil-mija rappreżentanza fil-Parlament fl-elezzjoni li jmiss. F'dak il-każ, jitilgħu sa massimu ta' tnax-il deputat tas-sess mhux rappreżentat, abbażi tal-voti li jkunu ġabu dawn il-kandidati biex dan il-perċentwal jintlaħaq. Il-mekkaniżmu kollu jiġi revedut jekk isir progress fil-parteċipazzjoni politika tan-nisa wara 20 sena mill-dħul tiegħu.

L-ugwaljanza bejn is-sessi fl-isfera politika hija essenzjali għal demokrazija b'saħħitha. Id-demokrazija hija bbażata, l-ewwel u qabel kollox, fuq ir-rappreżentanza tal-poplu. Sitwazzjoni ta' nuqqas kostanti ta' rappreżentanza ta' sess minnhom tfisser li nofs il-poplu, f'dan il-każ in-nisa, mhux qed ikun rappreżentat b'mod xieraq fl-ogħla istituzzjoni fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet.

Iżda mekkaniżmu korrettiv huwa biss element wieħed tar-riforma meħtieġa sabiex tiżdied il-parteċipazzjoni u r-rappreżentanza tan-nisa fil-politika. Fl-2019 ġie varat dokument abbozzat minn Kumitat Tekniku dwar riformi biex jintlaħaq bilanċ bejn is-sessi fil-Parlament. Flimkien mal-proposta ta' mekkaniżmu korrettiv, il-Kumitat Tekniku ressaq diversi proposti oħrajn, kollha mmirati li jegħlbu l-ostakli li jaffaċċjaw in-nisa sabiex jipparteċipaw fil-politika u jkunu eletti. In-nuqqas ta' nisa fil-listi elettorali m'huwiex b'kumbinazzjoni iżda hu r-riżultat dirett ta' problemi strutturali li jżommu lin-nisa milli jieħdu sehem b'mod sħiħ u ugwali fil-politika. Mal-mekkaniżmu korrettiv hemm bżonn ukoll riformi serji fis-soċjetà, fil-partiti politiċi u fl-operat tal-Parlament innifsu.

Minkejja t-titjib li seħħ tul iż-żmien, għadna naraw wisq sterjotipi tal-ġeneru fis-soċjetà Maltija, bħal fl-edukazzjoni u fil-midja, fejn l-irġiel ta' spiss jiġu mpenġija bħala dawk li jmexxu mentri n-nisa jiġu assoċjati mas-sbuħija, mal-familja u mat-tfal. Minħabba dawn il-fatturi, u oħrajn, in-nisa fil-politika m'għandhomx ħajja faċli. Xhieda ta' dan huma l-kummenti u t-tgħajjir sessit li ġieli jirċievu, partikolarment fuq il-midja soċjali. Għalhekk il-bidla soċjali hija essenzjali sabiex iktar nisa verament ikunu jistgħu jagħmlu użu mid-drittijiet tagħhom u jagħżlu li jidħlu fil-

politika. Dan jista' jseħħ biss jekk ikun hemm il-kontribut ta' kulħadd – l-awtoritajiet, il-midja, l-iskejjel, is-soċjetà ċivili u ċ-ċittadini kollha, nisa u rġiel – għaliex hawnhekk qed niġġieldu mentalità patrijarkali li għandha għeruq fondi.

Il-partiti politiċi għandhom irwol importanti ħafna f'din il-bidla. In-nisa fil-listi elettorali huma ftit wisq u hemm bżonn li l-partiti jagħmlu ħilithom kollha sabiex jattiraw aktar kandidati nisa. Naf li l-partiti diġà jagħmlu sforzi f'din id-direzzjoni u nemmen li dan ix-xogħol għad iħalli l-frott. Iżda jeħtieġ li jsir iktar. In-nisa jridu jkunu involuti bis-sħiħ fil-livelli u fis-setturi kollha tal-partiti, speċjalment fl-organi fejn jittieħdu d-deċiżjonijiet. L-operat kollu tal-partiti, inkluż il-kampanji elettorali, il-laqgħat, u d-diskors li jintuża, iridu jiġu analiżżati sabiex ikun żgurat li dawn qed jintegraw l-esperjenzi u tal-bżonijiet differenti tan-nisa u tal-irġiel. Barra minn dan, f'sistema li tagħti vantaġġ qawwi lil min huwa diġà fil-Parlament, fil-biċċa l-kbira tagħhom irġiel, hemm bżonn li nisa ġodda jingħataw l-viżibbiltà u r-riżorsi meħtieġa sabiex ikollhom ċans b'saħħtu li jiġu eletti.

Il-mod kif jaħdem il-Parlament irid jinbidel ukoll biex dan jippermetti lin-nisa u lill-irġiel ilaħħqu aħjar mar-responsabbiltajiet familjari tagħhom. Irridu nikkunsidraw bis-serjetà l-possibilità li l-Parlament isir *full-time* għaliex bħalissa d-deputati jridu jlaħħqu, mhux biss mal-ħidma Parlamentari u mal-familja, iżda wkoll max-xogħol privat tagħhom. Il-ftuħ ta' *childcare centre*, li ġie mħabbar sentejn ilu, huwa pass bżonjuż ieħor sabiex deputati bit-tfal żgħar ikunu jistgħu jippartеċipaw aħjar fil-ħidma politika tagħhom.

Il-bilanċ bejn is-sessi fil-Parlament huwa essenzjali għal pajjiż li jagħti valur lill-ugwaljanza u li jipprattika d-demokrazija. Il-mekkaniżmu korrettiv ser jiżgura li jkollna iktar nisa fil-Parlament u b'hekk nindirizzaw d-defiċit demokratiku attwali. Iżda l-ugwaljanza sħiħa se tintlaħaq biss meta jitneħħew l-ostakli kollha li qed iwaqqfu lin-nisa milli jippartеċipaw b'mod sħiħ fil-ħajja politika kif kien previst aktar minn 70 sena ilu meta f'pajjiżna rajna l-introduzzjoni tad-dritt għall-vot u għall-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet għal kulħadd.

**5 ta' Frar 2021**